# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**Magistrat**
**Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can.)**

**Rikors Numru: 271/15 CSH**

**Seduta mizmuma llum, 21 ta' Frar 2018**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali 2127/15 tas-27 ta' Awissu, 2015 fl-ismijiet:**

**Reuben Bonnici ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd. (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma**

**vs**

**Johanna Ganado**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Johanna Ganado, pprezentat fil-11 ta' Settembru, 2015:

"*Illi hija giet notifikata bil-fuq imsemmija ittra ufficjali u dikjarazzjoni guramentata annessa mal-istess ittra ufficjali mibghuta minn Automated Revenue Management Services Ltd. (C46054) f'isimha proprju u ghan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-Ilma li permezz*

*taghha giet interpellata thallas is-somma ta' €3470.26 bhala ammont cert, likwidu u dovut, rapprezentanti bilanc dovut ghall-konsum ta' ilma u elettriku, u kera ta' meter tal-ilma u elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees, flimkien ma' imghax dovut fuq l-ammont skond il-ligi, relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000259148 ossija dwar il-fond bl-indirizz 54, Triq l-Ifran, Valletta.*

*Illi l-esponenti topponi din it-talba, billi 'l fuq imsemmija somma pretiza mis-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd. proprio et nomine (C46054) fil-fatt hija semmai dovuta minn Edward DeGaetano li mieghu kienet mizzewga u li fiz-zmien relattiv kien il-kap tal-komunjoni tal-akkwisti bejniethom; u li fuq kollox kien l-utent tal-fond fuq imsemmi;*

*Illi b'ittra tat-12 ta' Frar 2015 l-Automated Revenue Management Services Ltd., (C46054) giet infurmata li mill-istess fond l-ex ragel taghha Edward DeGaetano kien qed jiggestixxi negozju sa ma gie zgumbrat fit-30 ta' Dicembru 2013 b'mandat ta' zgumbrament numru 3016/13 minn mindu l-fond baqa' maghluq sa dakinhar ta' l-istess ittra – u fil-fatt hekk ghadu sal-lum;*

*Illi fl-istess ittra gie rilevat ukoll illi ebda kont ma wasal f'idejn l-esponenti u ghaldaqstant l-istess Automated Revenue Management Services Ltd., (C46054) giet mitluba tibghat lill-esponenti rendikont u kopja tal-fatturi relevanti sabiex tirregola ruhha, izda l-istess Automated Revenue Management Services Ltd., naqset illi taghmel dan u ghalhekk mhix f'posizzjoni illi tivverifika dwar it-talba maghmula fil-konfront taghha;*

*Illi ghalhekk l-ammont pretiz skond l-ittra ufficjali fuq indikata jrid jigi verifikat, anke ghall-finijiet ta' preskrizzjonijiet applikabbli u anke billi l-*

*pagamenti kienu jsiru fq zmien rilevanti minn zewgha; l-artikoli tal-preskrizzjoni rilevanti jigu rilevati hekk kif l-intimati jew min minnhom jaghtu resokont ta' l-ammont minnhom pretiz skond il-ligi;*

*Ghaldaqstant u bis-sahha ta' l-artikolu 466 subsection 2 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta' Malta, b'dan l-att l-esponenti qeghda topponi t-talba migjuba kontra taghha mill-Automated Revenue Management Services Ltd., (C46054) proprio et nomine u titlob bir-rispett li din il-Qorti tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess talba hija fondata fil-fatt u fid-dritt.*

*Bl-ispejjez."*

Rat illi ghal zmien twil il-partijiet f'din il-kawza ippruvaw jikkoltivaw transazzjoni.

Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Lulju, 2016 Dr Frendo talab differiment sabiex fil-mori tal-kawza huwa jkun jista' jaccedi l-propjeta' fejn hemm installat il-metre, li dwaru qed isir rikors, fil-mori ta' din il-pendenza u dan sabiex ikun hemm access ghall-qari tal-istess metre.

**Mildred Mifsud** xehdet in rapprezentanza ta' Arms Limited u Water Services Limited nhar is-27 ta' Settembru, 2017 fejn spjegat illi effettivament il-meter li kien hemm installat fil-fond ġewwa fl-indirizz 54, Triq il-Fran, Valletta, illum il-ġurnata nbidel. Ziedet li kienu ttieħdu r-readings. Hija esebiet kopja tal-qari relattiv għal dan il-kont li gie mmarkat mill-Qorti bħala Dokument CSH. Kompliet tghid li in segwitu għaddiet dawn ir-readings u waslu fi stadju fejn l-ARMS kellhom joħorġu kont ġdid. Qalet li kien ghad hemm bżonn ta' xi ġimgħatejn biex joħroġ dan il-kont.

Sostniet li r-reading sar skont ir-ritratt li kien ġie mgħoddi lilhom minn Dr Ganado. Ghaddiet wkoll kopja ta' dawn ir-readings lil Dr Ganado minn Dr Stefan Frendo.

Xehed wkoll **Steve Ellul** nhar l-24 ta' Jannar, 2018 fejn qal illi huwa jokkupa l-kariga ta' Executive fil-Customer Care ta' ARMS Services u kkonferma li huwa kien involut f'ċertu stadji tal-proċess dwar il-kont li kellu joħroġ fil-konfront ta' Johanna Ganado. Qal illi l-ewwel kien hemm kwistjoni sabiex issir reviżjoni tad-dawl dwar ċertu stimi li kien hemm u dan dejjem dwar il-fond 54, Triq il-Fran, Valletta. Qal ukoll illi dan qed jiġi bbilljat fuq *non-residential rate*.

Ikkonferma li għall-ewwel saret reviżjoni f'dak li jirrigwardja d-dawl biss. In segwitu jaf illi ġie mibdul ukoll l-arloġġ tal-ilma u minn hemmhekk indunaw li kien hemm *mismatch* meta nqala' l-arloġġ. L-arloġġ li nqala' kien effettivament wieħed antik u kellha ssir xi investigazzjoni dwaru. Dan sabiex jaraw jekk kienx wieqaf. Qal illi saru xi kalkoli minħabba l-użu tad-dawl u kellhom wkoll jagħmlu *conversion* minn *gallons* għal-litres. Għalhekk, ir-reviżjoni kkomplikat ftit ruħha.

Dakinhar seta' jiddikjara li effettivament ħareġ il-kont finali. Qal li sa dakinhar fil-fatt hemm credit ta' €512.95c (hames mija, tnax-il ewro, hamsa u disghin centezmu). Huwa esebixxia kopja tal-kont finali li l-Qorti mmarkat bħala Dokument CSH.

Għalhekk huwa minnu illi l-ARMS sa dakinhar kienet debitura u mhux kreditriċi.

Rat il-verbal registrat fl-atti nhar il-14 ta' Frar 2018 meta dakinhar li ssejjah ir-rikors deher Dr Stefan Frendo ghar-rikorrenti u deher Rueben Bonnici in rappreżentanza tas-socjeta' intimata assistit minn Dr Ryan Pace. F'dik is-seduta Dr Ryan Pace iddikjara li qed jirtira l-Ittra Ufficjali 2127/15 tas-27 ta' Awwissu 2015.

Dr Frendo ghar-rikorrenti ssottometta illi b'dana kollu, il-Qorti xorta ghandha tiddeciedi fuq l-objezzjonijiet ghall-pretenzjonijiet ta' ARMS Ltd proprio et nomine kontenuti fl-ittra ufficjali 2127/15 wara li tisma' l-provi fir-rigward.

Illi r-rikors ghalhekk gie differit ghall-21 ta' Frar 2018 ghal provediment dwar dak li talab Dr Frendo seduta stante u dan hu d-digriet li ser jinghata limitatament f'dan ir-rigward.

M'hemmx dubbju li dan ir-rikors odjern gie pprezentat mir-rikorrenti wara li hija kienet giet notifikata bl-ittra ufficcjali li giet intavolata mill-ARMS nhar is-27 ta' Awwissu 2016 numru 2127/15 u li ghalhekk kieku din l-ittra ufficcjali ma gietx ipprezentata, dan ir-rikors ma kienx jigi registrat.

M'hemmx dubbju u dan hu indiskuss li bhala principju kardinali, l-Qorti trid taqta' il-kawza fuq l-azzjoni u l-eccezzjoni.

Il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna hija li Qorti li ghandha quddiemha kawza ghandha tillimita ruhha li tiddeciedi entro l-parametri tal-azzjoni u tal-eccezzjonijiet. Fil-kawza **Carmelo Cassar noe vs Victor Zammit** (App. Civili 23.6.2004) l-Qorti qalet hekk:
"*Hu maghruf u anke accettat in linea ta' principju generali illi n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jigu dezunti mit-termini tal-att li bih jinbdew*

*il-proceduri (Kollezz Vol. XLVII pt 1 pg 85). Dan b'mod li l-Qorti ma tistax tiddeciedi fuq xi dritt iehor li jkun irrizulta anke ghaliex, kif ritenut mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espresso fic-citazzjoni* (Kollezz Vol. LVIII p II p777).

**Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li una volta l-ittra ufficcjali redatta mill-intimat giet irtirata minnu, it-talba bazata fuq dan ir-rikors m'ghadx ghandha *locus standi* u ghalhekk din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-mertu tar-rikors pero' qieghda tikkundanna lill-intimat ihallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.**

**Dan qed jinghad bla pregudizzju ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lir-rikorrenti fuq il-mertu tal-kaz.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**